31991L0692

31.12.1991 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 377/48

# ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
## tat-23 ta' Diċembru, 1991,
## biex tistandardizza u tirrazzjonalizza rapporti dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti direttivi fuq l-ambjent

(91/692/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 103s tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([3]),

Billi dwar xi Direttivi tal-Komunità fuq l-ambjent jeħtieġ li l-Istati Membri jħejju rapport fuq il-miżuri meħuda biex jimplimentawhom; billi l-Kummissjoni tagħmel abbozz ta' rapport konsolidat; billi Direttivi oħra tal-Komunità dwar l-ambjent ma jitolbux li jkun hemm rapporti bħal dawn;

Billi d-dispożizzjonijiet li hemm fis-seħħ bħalissa biex isiru rapporti jistipulaw intervalli differenti bejn ir-rapporti u jistabbilixxu ħtiġijiet differenti dwar il-kontenut tagħhom;

Billi obbligazzjoni bħal din għandha tiddaħħal biex kemm l-Istati Membri kif ukoll il-Kummissjoni jkunu jistgħu jeżaminaw il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' dawk id-Direttivi fit-territorju kollu tal-Komunità u, fl-istess ħin, biex il-pubbliku inġenerali jkollu minn fejn jieħu informazzjoni fuq dan is-suġġett;

Billi d-dispożizzjonijiet li hemm fis-seħħ bħalissa għandhom għalhekk ikunu armonizzati biex isiru aktar konsistenti u aktar kompleti fuq bażi settorjali;

Billi l-intervall li fih l-Istati Membri jibagħtu dawn ir-rapporti lill-Kummissjoni għandu jkun dak stabbilit ta' tliet snin, b'intervall ta' sena bejn is-setturi; billi r-rapporti għandhom isiru skond kwestjonarju magħmul mill-Kummissjoni bl-għajnuna ta' kumitat, u mibgħuta lill-Istati Membri sitt xhur qabel il-bidu tal-perjodu msemmi fir-rapport; billi l-Kummissjoni għandha tippubblika rapport konsolidat fis-settur interessat fi żmien disa xhur minn meta l-Istati Membri jibagħtu r-rapporti rispettivi tagħhom;

Billi, b'mod partikolari, ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 76/160/KEE tat-8 ta' Diċembru, 1975, dwar il-kwalità ta' l-ilma ta' l-għawm ([4]), kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-1985, għandu joħroġ kull sena u fi żmien biżżejjed biex jgħarraf lill-pubbliku dwar il-kwalità ta' l-ilma fejn wieħed jgħum sa l-aktar żmien qarib;

Billi l-miżuri li jenħtieġ jittieħdu mill-Istati Membri ma jitolbux li jsiru liġijiet jew regolamenti billi t-tħejjija ta' rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttivi tal-Komunità bħalissa ma titlobx li jsiru dawk id-dispożizzjonijiet mill-Istati Membri,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*L-Artikolu 1*

L-iskop ta' din id-Direttiva huwa li tirrazzjonalizza u ttejjeb fuq bażi settorjali d-dispożizzjonijiet fuq it-tixrid ta' informazzjoni u l-pubblikazzjoni ta' rapporti dwar ċerti Direttivi tal-Komunità fuq il-ħarsien ta' l-ambjent, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' l-ewwel vers ta' l-Artikolu 155 tat-Trattat.

*L-Artikolu 2*

1. Id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Anness I għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

> "F'intervalli ta' tliet snin l-Istati Membri għandhom jibagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, permezz ta' rapport settorjali li għandu jiġbor fih ukoll Direttivi oħra relevanti tal-Komunità. Dan ir-rapport għandu jkun imsejjes fuq kwestjonarju jew punti prinċipali magħmula mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE ([*]). Il-kwestjonarju jew punti prinċipali għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri sitt

([1]) ĠU C 214, tad-29.8.1990, p. 6.
([2]) ĠU C 19, tat-28.1.1991, p. 587.
([3]) ĠU C 60, tat-8.3.1991, p. 15.
([4]) ĠU L 31, tal-5.2.1976, p. 1.

xhur qabel ma jibda l-perjodu li għalih ikun sar ir-rapport.Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni fi żmien disa' xhur mit-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin li għalih ikun sar.

L-ewwel rapport għandu jkun għall-perjodu mill-1993 sa l-1995, biż-żewġ dati magħduda.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport tal-Komunità dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva fi żmien disa' xhur minn meta tirċievi r-rapporti mill-Istati Membri.

(*) ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48."

2. It-test li jidher fil-paragrafu 1 għandu jiddaħħal fid-Direttivi msemmija fl-Anness II kif indikat.

*L-Artikolu 3*

L-Artikolu 13 tad-Direttiva 76/160/KEE għandu jinbidel b'dan li ġej:

*"L-Artikolu 13*

Kull sena, u għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru, 1993, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fis-sena li tkun għaddejja. Ir-rapport għandu jkun imsejjes fuq kwestjonarju jew punti prinċipali magħmula mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE (*). Il-kwestjonarju jew punti prinċipali għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri sitt xhur qabel ma jibda l-perjodu li għalih ikun sar ir-rapport. Ir-rapport għandu jsir lill-Kummissjoni qabel l-aħħar tas-sena inkwistjoni.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport tal-Komunità dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva fi żmien erba' xhur minn meta tirċievi r-rapporti mill-Istati Membri.

(*) ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48."

*L-Artikolu 4*

1. Id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Anness III għandhom ikunu sostitwiti b'dan li ġej:

"F'intervalli ta' tliet snin l-Istati Membri għandhom jibagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, permezz ta' rapport settorjali li għandu jiġbor fih ukoll Direttivi oħra relevanti tal-Komunità. Dan ir-rapport għandu jsir fuq kwestjonarju jew punti prinċipali magħmula mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE (*). Il-kwestjonarju jew punti prinċipali għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri sitt xhur qabel ma jibda l-perjodu li għalih ikun sar ir-rapport. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni fi żmien disa' xhur mit-tmiem tal-perjodu ta' tliet snin li għalih ikun sar.

L-ewwel rapport għandu jkun għall-perjodu mill-1994 sal-1996, biż-żewġ dati magħduda.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport tal-Komunità dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva fi żmien disa' xhur minn meta tirċievi r-rapporti mill-Istati Membri.

(*) ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48."

2. It-test li jidher fil-paragrafu 1 għandu jiddaħħal fid-Direttivi msemmija fl-Anness IV kif hemm indikat.

3. It-test li ġej għandu jiddaħħal fid-Direttivi msemmija fl-Anness V kif hemm indikat.

"Il-Kummissjoni għandha kull sena tgħaddi lill-Istati Membri l-informazzjoni li tkun irċeviet skond dan l-Artikolu."

*L-Artikolu 5*

Id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Anness VI għandhom ikunu sostitwiti b'dan li ġej:

"F'intervalli ta' tliet snin l-Istati Membri għandhom jibagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, permezz ta' rapport settorjali li għandu jiġbor fih ukoll Direttivi oħra relevanti tal-Komunità. Ir-rapport għandu jkun imsejjes fuq kwestjonarju jew punti prinċipali magħmula mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 91/692/KEE (*). Il-kwestjonarju jew punti prinċipali għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri sitt xhur qabel ma jibda l-perjodu li għalih ikun sar ir-rapport. Ir-rapport għandi jiġi magħmul lill-Kummissjoni fi żmien disa' xhur fit-tmiem il-perjodu ta' tliet snin kopert minnu.

L-ewwel rapport għandu jkun għall-perjodu mill-1995 sal-1997, biż-żewġ dati magħduda.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport tal-Komunità dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva fi żmien disa' xhur minn meta tirċievi r-rapporti mill-Istati Membri.

(*) ĠU L 377, tal-31.12.1991, p. 48."

*L-Artikolu 6*

Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat magħmul mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri u mmexxi mir-rappreżentant tal-Kummissjoni.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jibgħat lill-kumitat abbozz tal-miżuri li jkunu ser jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu fuq dak l-abbozz fi żmien li l-president tiegħu jista' jistabbilixxi skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun irid jieħu fuq proposta

tal-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Kumitat għandu jkollhom piż skond kif imsemmi f'dak l-Artikolu. Il-president m'għandux vot.

Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri li għandhom japplikaw minnufih. Iżda jekk dawn il-miżuri ma jkunux skond l-opinjoni tal-kumitat, huma għandhom ikunu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill minnufih. F'dak il-każ:

— il-Kummissjoni tista' tħalli l-applikazzjoni tal-miżuri li tkun iddeċidiet fuqhom għal perjodu ta' mhux aktar minn xahar mid-data ta' din il-komunika.

— il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista jieħu deċiżjoni differenti fil-perjodu taż-żmien imsemmi fl-ewwel inċiż.

*L-Artikolu 7*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri li huma meħtieġa biex ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet ta':

— l-Artikoli 2 u 3, l-aktar tard sa l-1 ta' Jannar, 1993,

— l-Artikolu 4, l-aktar tard sa l-1 ta' Jannar, 1994,

— l-Artikolu 5, l-aktar tard sa l-1 ta' Jannar, 1995.

Huma għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda.

2. Id-dispożizzjonijiet li hemm fis-seħħ bħalissa tad-Direttivi varji li ġew emendati b'dispożizzjonijiet ġodda għandhom jibqgħu fis-seħħ sad-dati msemmija fl-ewwel subparagrafu 1.

3. Meta l-Istati Membri jieħdu l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, dawn għandhom jagħmlu referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom referenza bħal dik meta jkunu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif issir din ir-referenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

*L-Artikolu 8*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru, 1991.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

V. VAN ROOY

*L-ANNESS I*

**Direttivi emendati skond l-Artikolu 2(1) ta' din id-Direttiva**

(a) L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/464/KEE ta' l-14 ta' Mejju 1976, dwar it-tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi mitfugħa fl-ambjent ta' l-ilma tal-Komunità (1).

(b) L-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 78/176/KEE ta' l-20 ta' Frar 1978, fuq skart mill-industrija ta' l-ossidu tat-titanju (2), kif emendata bid-Direttiva 83/29/KEE (3).

(ċ) L-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-Kunsill 78/659/KEE tat-18 ta' Lulju 1978, fuq il-kwalità ta' ilma ħelu li għandu jkun imħares jew imtejjeb biex il-ħut iżomm ħaj (4), kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Aċċessjoni ta' l-1985.

(d) L-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 79/869/KEE tad-9 ta' Ottubru, 1979, dwar il-metodi ta' kif u meta jitkejlu kampjuni u analiżi ta' l-ilma tal-wiċċ maħsub biex minnu jittieħed ilma għax-xorb fl-Istati Membri (5), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 81/855/EEC (6).

(e) L-Artikolu 14 tad-Direttiva tal-Kunsill 79/923/KEE tat-30 ta' Ottubru, 1979, fuq il-kwalità ta' ilmijiet meħtieġa għal frott tal-baħar bil-qoxra (7).

(f) L-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 80/68/KEE tas-17 ta' Diċembru, 1979, fuq il-ħarsien ta' l-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis ikkawżat minn ċerti sustanzi perikolużi (8).

(g) L-Artikolu 5(1) u (2)(1) l-ewwel subparagrafu tad-Direttiva tal-Kunsill 82/176/KEE tat-22 ta' Marzu, 1982, fuq valuri ta' limitu u mira fil-kwalità ta' rimi ta' merkurju fl-industrija ta' l-elettrolisi tal-kloro-alkali (9).

(h) L-Artikolu 5(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 83/513/KEE tas-26 ta' Settembru 1983, fuq il-valuri ta' limitu u mira fil-kwalità ta' rimi ta' kadmju (10).

(i) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 84/156/KEE tat-8 ta' Marzu, 1984, fuq valuri ta' limitu u mira fil-kwalità fir-rimi ta' merkurju minn bnadi oħra barra dawk ta' l-industrija ta' l-elettrolisi tal-kloro-alkali (11).

(j) L-Artikolu 5(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 84/491/KEE tad-9 ta' Ottubru, 1982, fuq il-valuri ta' limitu u mira fil-kwalità fir-rimi ta' idrokarbon esakloroċiklu likwidu (12).

(k) L-Artikolu 6(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 86/280/KEE tat-12 ta' Ġunju, 1986, fuq il-valuri ta' limitu u mira fil-kwalità fir-rimi ta' ċerti sustanzi perikolużi msemmija fil-lista ta' l-Anness tad-Direttiva 76/464/KEE (13), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 90/415/KEE (14).

(1) ĠU L 129, tat-18.5.1976, p. 23.
(2) ĠU L 54, tal-25.2.1978, p. 19.
(3) ĠU L 32, tat-3.2.1983, p. 28.
(4) ĠU L 222, ta' l-14.8.1978, p. 1.
(5) ĠU L 271, tad-29.10.1979, p. 44.
(6) ĠU L 319, tas-7.11.1981, p. 16.
(7) ĠU L 281, ta' l-10.11.1979, p. 47.
(8) ĠU L 20, tas-26.1.1980, p. 43.
(9) ĠU L 81, tas-27.3.1982, p. 29.
(10) ĠU L 291, ta' l-24.10.1983, p. 2.
(11) ĠU L 74, tas-17.3.1984, p. 49.
(12) ĠU L 274, tas-17.10.1984, p. 11.
(13) ĠU L 181, ta' l-4.7.1986, p. 16.
(14) ĠU L 219, ta' l-14.8.1990, p. 49.

*L-ANNESS II*

**Direttivi ssupplimentati skond l-Artikolu 2(2) ta' din id-Direttiva**

(a) Id-Direttiva tal-Kunsill 75/440/KEE tas-16 ta' Ġunju, 1975, dwar il-kwalità ta' l-ilma tal-wiċċ maħsub biex minnu jittieħed ilma għax-xorb fl-Istati Membri (1), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 79/869/KEE (2).

It-test ta' l-Artikolu 2(1) ta' din id-Direttiva huwa inkorporat fl-Artikolu 9a.

(b) Id-Direttiva tal-Kunsill 80/778/KEE tal-15 ta' Lulju, 1980, dwar il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum tannies (3), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 81/858/KEE (4).

It-test ta' l-Artikolu 2(1) ta' din id-Direttiva huwa inkorporat fl-Artikolu 17a.

(1) ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 26.
(2) ĠU L 271, tad-29.10.1979, p. 44.
(3) ĠU L 229, tat-30.8.1980, p. 11.
(4) ĠU L 319, tas-7.11.1981, p. 19.

*L-ANNESS III*

**Direttivi emendati skond l-Artikolu 4(1) ta' din id-Direttiva**

(a) L-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 80/779/KEE tal-15 ta' Lulju fuq il-valuri ta' limitu tal-kwalità ta' l-arja u valuri ta' gwida għal diossidu tal-kubrit u partikuli sospiżi (1), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/427/KEE (2).

(b) L-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 82/501/KEE ta' l-24 ta' Ġunju 1982 dwar riskji ta' aċċidenti gravi minn ċerti attivitajiet industrijali (3), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 88/610/EEC (4).

(ċ) L-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 82/884/KEE tat-3 ta' Diċembru 1982 fuq il-valur ta' limitu għal ċomb fl-arja (5).

(d) L-Artikolu 8 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/203/KEE tas-7 ta' Marzu 1985 fuq livelli ta' kwalità ta' l-arja għal diossidu tan-nitroġenu (6), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 85/580/KEE (7).

(e) L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 87/217/KEE tad-19 ta' Marzu 1987 biex jinżamm u jitnaqqas it-tniġġis ta' l-ambjent mill-asbestos (8).

---

(1) ĠU L 229, tat-30.8.1980, p. 30.
(2) ĠU L 201, ta' l-14.7.1989, p. 53.
(3) ĠU L 230, tal-5.8.1982, p. 1.
(4) ĠU L 336, tas-7.12.1988, p. 14.
(5) ĠU L 378, tal-31.12.1982, p. 15.
(6) ĠU L 87, tas-27.3.1985, p. 1.
(7) ĠU L 372, tal-31.12.1985, p. 36.
(8) ĠU L 85, tat-28.3.1987, p. 40.

*L-ANNESS IV*

**Direttivi emendati skond l-Artikolu 4(2) ta' din id-Direttiva**

(a) Id-Direttiva tal-Kunsill 75/716/KEE ta' l-24 ta' Novembru 1975 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar il-kontenut ta' kubrit ta' ċerti kombustibbli likwidi ([1]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 87/219/KEE ([2]).

It-test ta' l-Artikolu 4(2) ta' din id-Direttiva huwa Inkorporat fl-Artikolu 7a.

(b) Id-Direttiva tal-Kunsill 84/360/KEE tat-28 ta' Ġunju 1984 fil-ġlieda kontra t-tniġġis ta' l-arja minn impjanti industrijali ([3]).

It-test ta' l-Artikolu 4(2) ta' din id-Direttiva huwa inkorporat fl-Artikolu 15a.

---

([1]) ĠU L 307, tas-27.11.1975. p. 22.
([2]) ĠU L 91, tat-3.4.1987, p. 19.
([3]) ĠU L 188, tas-16.7.1984, p. 20.

*L-ANNESS V*

**Direttivi emendati skond l-Artikolu 4(3) ta' din id-Direttiva**

(a) Id-Direttiva tal-Kunsill 80/779/KEE tal-15 ta' Lulju 1980 fuq il-valuri ta' limiti tal-kwalità ta' l-arja u valuri ta' gwida għal diossidu tal-kubrit u partikuli sospiżi, kif emendata bid-Direttiva 89/427/KEE.

It-test ta' l-Artikolu 4(3) ta' din id-Direttiva huwa inkorporat fl-Artikolu 7(4).

(b) Id-Direttiva tal-Kunsill 82/884/KEE tat-3 ta' Diċembru 1982 fuq valur ta' limitu għal ċomb fl-arja.

It-test ta' l-Artikolu 4(3) ta' din id-Direttiva huwa inkorporat fl-Artikolu 5(4).

(d) Id-Direttiva tal-Kunsill 85/203/KEE tas-7 ta' Marzu 1985 fuq livelli ta' kwalità ta' l-arja għal diossidu tan-nitroġenu, kif emendata bid-Direttiva 85/580/KEE.

It-test ta' l-Artikolu 4(3) ta' din id-Direttiva huwa inkorporat fl-Artikolu 7(4).

*L-ANNESS VI*

**Direttivi emendati skond l-Artikolu 5 ta' din id-Direttiva**

(a) L-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 74/439/KEE tas-16 ta' Ġunju 1975 fuq ir-rimi ta' skart ta' żjut ([1]), kif emendata bid-Direttiva 87/101/KEE ([2]).

(b) L-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju, 1975, fuq l-iskart ([3]), kif emendata bid-Direttiva 91/156/KEE ([4]).

(ċ) L-Artikolu 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 76/403/KEE tas-6 ta' April 1976 fuq ir-rimi ta' bifenil miżjud bil-poliklorin u terfenil miżjud bil-poliklorin ([5]).

(d) L-Artikolu 16 tad-Direttiva tal-Kunsill 78/319/KEE ta' l-20 ta' Marzu, 1978, fuq skart tossiku u perikoluż ([6]), kif l-aħħar emendata bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-1985.

(e) L-Artikolu 13(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 84/631/KEE tas-6 Diċembru 1984 dwar is-sorveljanza u l-kontroll fil-Komunità Ewropea fuq it-trasport bil-vapuri bejn il-fruntieri ta' skart perikoluż ([7]), kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 87/112/EEC ([8]).

(f) L-Artikolu 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/339/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 fuq kontenituri ta' likwidi għall-konsum tan-nies ([9]).

(g) L-Artikolu 17 tad-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju, 1986, fuq il-ħarsien ta' l-ambjent, u partikolarment tal-ħamrija, meta tajn tad-drenaġġ jintuża fl-agrikoltura ([10]).

---

([1]) ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 23.
([2]) ĠU L 42, tat-12.2.1987, p. 43.
([3]) ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 39.
([4]) ĠU L 78, tas-26.3.1991, p. 32.
([5]) ĠU L 108, tas-26.4.1976, p. 41.
([6]) ĠU L 84, tal-31.3.1978, p. 43.
([7]) ĠU L 236, tat-13.12.1984, p. 31.
([8]) ĠU L 48, tas-17.2.1987, p. 31.
([9]) ĠU L 176, tas-6.7.1985, p. 18.
([10]) ĠU L 181, ta' l-4.7.1986. p. 6.